MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2004

Numru 628/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**ANTHONY BONELLO**

**Illum 11 ta' Awissu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Bonello ta' 50 sena bin Lewis u Carmela nee` Zahra mwieled Rabat – Malta fit-12/11/53 u joqghod Paradise House, Bingemma Fort, limiti tar-Rabat – Malta li ghandu karta tal-identita numru 798653(M) gie akkuzat talli:

Fit-28 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-12.30 ta’ wara nofs inhar fil-Bahrija limiti tar-Rabat (Malta) waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBI 351:

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna griehi gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ Arisa Yasuda ta’ Nazzjonalita Gappuniza skond kif iccertifika Dr. Malcolm Borg M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Steven Verrall skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatis M.D. ta’ l-isptar San Luqa;

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna hsara ta’ aktar minn mitt Lira Maltin (LM100) fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBI 806 ghad-detriment ta’ Steven Verrell;

saq l-imsemmija vettura bi traskuragni u b’manjiera perikoluza;

qasam il-linja l-bajda kontinwa.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmi Anthony Bonello milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MB3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 226(1)(a) u (b), 328(b) u (c) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg. 88 tal-A.L. 128 ta’ l-1994 u Reg. 2 tal-A.L. 94/1969.

Issib lill-imputat Anthony Bonello, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fedina penali netta ta’ l-imputat, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Anthony Bonello ghall-piena komplessiva ta’ 18-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Anthony Bonello jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti tiskwalifika lill-imputat Anthony Bonello milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Bonello l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------